MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2160/1996/1

**Edwin Vella**

**v.**

**Raymond Pace u martu Monica sive Mona Pace ghal kull interess li jista' jkollha u John Gauci ghall-integrita` tal-gudizzju u ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti:**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. B’sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta’ l-14 ta’ Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi, dik il-Qorti ddecidiet billi laqghet it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Raymond Pace u kkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm2400 bl-imghaxijiet u l-ispejjez kontra l-istess konvenut u lliberat lill-konvenuti l-ohra Monica Pace u John Gauci mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur. Ikun opportun li hawnhekk tigi riprodotta s-sentenza fl-intier taghha:

“**PRELIMINARI**

“Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta’ skrittura privata datata 14 ta’ Gunju, 1993, l-attur u l-konvenuti ftehmu li jahdmu n-negozju ta’ Watersport mill-fond maghruf bhala ‘HUGGY BEAR LIDO’ f’Islets Promenade, Bugibba, San Pawl il-Bahar u dan fil-kwota ta’ nofs indiviz ghall-attur u nofs indiviz ghall-konvenuti u dan *verso* l-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati (Dok. A).

“Premess illi tali ftehim kellu jkun validu ghal hames (5) staguni tas-sajf, l-ewwel wiehed is-sajf tas-sena 1993, u b’dan li l-attur hallas lill-konvenuti l-ammont ta’ Lm8,000 (tmien t’elef liri maltin), tali ammont rappresentanti hlas annwali ta’ Lm1,600, ghall-hames snin tal-istess ftehim, b’dan li hemm stipulat li jekk dan il-ftehim ma jibqax *in vigore* tul il-hames snin (5) kollha, l-attur jigi rifuz pro-rata ghall-perjodu mhux utilizzat skond il-ftehim.

“Premess illi permezz ta’ skrittura privata datata 10 ta’ Jannar, 1995, redatta min Nutar Pierre Falzon, il-konvenuti rrexindew kull titolu u dritt li kellhom fuq l-istess fond ‘HUGGY BEAR LIDO’ premess, a favur is-sid Lawrence Vella (Dok. B) bil-konsegwenza li tali fond ma setax jibqa’ jigi uzat ghall-iskop ta’ tali assocjazzjoni miftehma bejn il-partijiet fl-14 ta’ Gunju, 1993, bil-konsegwenza li tali ftehim applika biss ghas-sajf tal-1993 u tal-1994, u gie unilateralment rexiss u annulat, u rez impossibbli l-ftehim ta’ assocjazzjoni bejn il-partijiet ghan-

negozju ta’ Watersports, b’dan ghalhekk li tali ftehim ma baqax applikabbli ghas-sjuf tas-snin 1995, 1996 u 1997; cioe’ ghal-kumplament tat-terminu stipulat ta’ hames (5) snin fl-istess ftehim.

“Premess illi la darba l-istess konvenuti kissru unilateralment l-istess ftehim, u la darba l-istess ftehim “ma baqax *in vigore*” ghall-ahhar tlett isjuf 1995, 1996, u 1997, il-konvenuti huma obbligati li jirrifondu lill-attur l-ammont ta’ Lm4,800 rappprezentanti tlett pagamenti annwali ta’ Lml,600 il-wiehed, kalkolati fl-istess skrittura *ai termini* tat-tielet paragrafu tat-tieni pagna taghha, relattivi ghat-tlett (3) snin fuq indikati li ma nhadmux skond l-istess ftehim.

“Premess illi l-konvenuti gew interpellati sabiex *inter alia* jirrifondu l-istess ammont permezz ta’ ittra legali datata 17 ta’ April, 1995, u l-konvenut John Gauci hallas nofs l-istess ammont ekwivalenti ghal Lm2,400 izda l-konvenut Raymond Pace baqa’ inadempjenti;

“L-attur talab lil din il-Qorti previa occorrendo dikjarazzjoni li l-istess konvenuti permezz ta’ skrittura privata datata 10 ta’ Jannar, 1995, b’liema skrittura huma cedew kull dritt li kellhom fuq il-fond ‘HUGGY BEAR LIDO’, Islets Promenade, Bugibba, u b’hekk unilateralment irrexxendew, li rrendew mhux esekutibbli il-ftehim ta’ assocjazzjoni bejn il-partijiet ghall-assocjazzjoni fin-negozju ta’ Watersports datata 14 ta’ Gunju, 1993, b’dan ghalhekk li hassru l-effett ta’ tali ftehim ghas-snin u sjuf 1995, 1996 u 1997, tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom

1 ihallas jew ihallsu lura lill-attur, kif huma obbligati li jaghmlu l-ammont ta’ Lm2,400, bilanc minn somma akbar ta’ Lm4,800 rappresentanti l-pagament annwali gia mhallas lilhom ta’ Lml,600 il-wiehed, ghat-tlett (3) t’isjuf jew snin 1995, 1996 u 1997 li ma gewx utilizzati mill-attur skond it-termini tal-ftehim ta’ assocazzjoni premess, kollox *ai termini* tat-tielet paragrafu tat-tieni pagna tal-iskrittura privata datata 14 ta’ Gunju, 1993.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 17 ta’ April, 1995, u b’riserva ta’ kull azzjoni ta’ danni u hlas ta’ penali stipulat fl-istess ftehim u bl-imghax legali mill-14 ta’ Gunju, 1993 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 3 tal-process;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 17 tal-process fejn eccepew:

1. illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-partijiet kienu llikwidaw u ssaldaw kull pendenza li kellhom bejniethom dwar il-ftehim originali.

2. illi, kemm il-darba l-attur jikkontesta dan il-fatt, allura l-konvenuti jeccepixxu li huma kredituri tal-istess attur, u minn issa qed jitolbu li l-ammont imhallas zejjed jigi rifuz lilhom.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

“**TALBA**

“L-attur qed jitlob li dina l-Qorti prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-istess konvenuti permezz ta’ skrittura privata datata 10 ta’ Jannar, 1995 cedew kull dritt li kellhom fuq il-fond HUGGY BEAR LIDO, Islets Promenade, Bugibba, u b’hekk unilateralment irrexxendew, u rrendew mhux esekuttibbli l-ftehim ta’ assocjazzjoni bejn il-partijiet ghall-assocjazzjoni fin-negozju ta’ Watersports datat 14 ta’ Gunju, 1993, b’dan ghalhekk li hassru l-effett ta’ tali ftehim ghas-snin u sjuf 1995, 1996 u 1997;

“tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallas jew ihallsu lura lill-attur, kif huma obbligati li jaghmlu, l-

ammont ta’ Lm2,400, bilanc minn somma akbar ta’ Lm4,800 rapprezentanti l-pagament annwali gja mhallas lilhom ta’ Lm1,600 il-wiehed, ghat tlett is-sjuf jew snin 1995, 1996 u 1997 li ma gewx utilizzati mill-attur skond it-termini tal-ftehim ta’ assocazzjoni premess, kollox a termini tat-tielet paragrafu tat-tieni pagna ta’ l-iskrittura privata datata 14 ta’ Gunju, 1993.

“**ECCEZZJONIJIET**

“Il-konvenuti eccepew illi t-talbiet huma nfondati billi l-partijiet kienu llikwidaw u ssaldaw kull pendenza li kellhom bejniethom dwar il-ftehim originali. Illi kemm il-darba l-attur jikkontesta dan il-fatt, allura l-konvenuti jeccepixxu li huma kredituri ta’ l-istess attur u minn issa qed jitolbu li l-ammont imhallas zejjed jigi rifuz lilhom.

“**PROVI**

“**L-attur** ikkonferma d-dikjarazzjoni li hemm mac-citazzjoni fejn qal li permezz ta’ skrittura datata 14 ta’ Gunju, 1993 hu u l-konvenuti kienu ftehemu li jaghmlu negozju ta’ Watersport mill-fond maghruf bhala Huggy Bear Lido, f’Bugibba, nofs bin-nofs, validu ghal hames staguni tas-sajf (ara dok. A fol. 6). Hu kien hallas Lm8,000 lill-konvenuti rapprezentanti hlas annwali ta’ Lm1,600 ghal hames snin bil-kondizzjoni li jekk il-ftehim ma jibqax *in vigore* hu kellu dritt li jigi rifuz pro-rata ghall-perjodu mhux utilizzat skond il-ftehim. Illi bi skrittura privata datata 10 ta’ Jannar, 1995 l-konvenuti rrexxindew kull titolu u dritt li kellhom fuq l-istess fond a favur ta’ Lawrence Vella Dok. B fol. 9 u b’hekk gie unilateralment rexiss u rez impossibbli l-ftehim ta’ assocjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet ghas-snin 1995 sal-1997 bil-konsegwenza li issa l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-attur l-ammont ta’ Lm4,800 rapprezentanti tlett pagamenti ta’ Lm1,600 ghat tlett snin li ma nhadmux skond il-ftehim. Meta gew interpellati l-konvenut Gauci hallas nofs l-ammont izda l-konvenut Pace baqa’ ma hallasx sehemhu.

"Hu kellu ngenji li kienu tieghu u l-konvenuti kellhom ingenji li kienu taghhom. Billi l-hames snin ma ddekorrewx, hu zamm xi ngenji u l-konvenuti zammew ohrajn. Gauci kien hallsu sehemu *in kind* bl-ingenji li kienu taghhom.

"**John Gauci** kkonferma li l-attur kien ghamel sentejn biss fix-xoghol ta' Watersport maghhom. Ikkonferma wkoll li kienu itterminaw il-lokazzjoni tal-Lido ma' Lawrence Vella is-sid. Meta spicca l-*agreement* ma' Vella huma kellhom jaghtuh Lm4,800 u qatt ma cahduh minnhom. Huma kienu lesti li jaghtuhomlu jekk hu jgib l-ingenji u jaghmlu l-kontijiet. L-ingenji kienu taghhom it-tlieta. Meta spicca l-*agreement*, Vella zamm kollox u huma talbu lura l-ingenji. Kienu ghamlu stima ta' l-affarijiet taghhom. Hu kien dawwar kollox fuq isem Vella biex ma jkollu x'jaqsam ma xejn. Meta ghamel it-*transfer* hu kien qed jaghmlu ghat-tnejn mhux ghalih personali. Kull ma kien baqa' bhala ngenji hu kien dawwarhom fuq l-attur. Ma kien biegh xejn minn dawn l-ingenji. L-istima a fol. 52 kienet saret ghand Dr. Aldo Vella u kien prezenti l-attur li qabel maghha. L-attur kien juza l-ingenji ghall *business* tieghu. Din l-istima tinkludi l-lot kollu nkluz ta' l-attur.

"Hu ma kienx biegh ingenji lit-tifel ta' l-attur. Hu kien ghamel it-*transfer* taghhom fuq l-attur. L-attur u t-tifel tieghu kienu marru mieghu l-Maritime Authority. Hu pprezenta d-dokumenti a fol. 68 sa 73 fejn hemm -

a fol. 68 - bejgh ta' *speed boat* Thunder lil Joshua Vella bil-prezz ta' Lm700;
a fol. 69 - bejgh ta' *speed boat* Fletcher lil Joshua Vella bil-prezz ta' Lm1,500;
a fol. 70 - bejgh ta' *boat* lil Joshua Vella bil-prezz ta' Lm300;

"Gauci qal li hu ma jafx jaqra u kien iffirma ghax Vella kien qallu li kien ser ipaci bl-ingenji. Ma jiftakarx il-kontenut ta' dawn id-dokumenti. Hu ma rceviex il-flus ta' dawn l-ingenji.

“**Joshua Vella** xehed li jaf li l-konvenuti kellhom jaghtu flus lil missieru. Meta l-partijiet kienu spiccaw in-negozju, Gauci kien bieghlu zewg Fletchers u Thunder boat (Dok. 68-70) Hu kien hallas lill Gauci il-prezz kollu. Dawn it-tlieta kienu parti minn aktar *boats* li kienu qed juzaw bejniethom. Ma jidhirlux li ghamel *transfers* ma Gauci. Dawn il-*boats* kienu diga qeghdin ghandhom fil-garaxx ta’ missieru. Ma ghamel ebda negozju iehor mal-konvenuti. In-negozju kien bejnu u Gauci u missieru ma kellux x’jaqsam ghalkemm kien jaf bih. Hu kien qal lill Gauci li kellu jaghti flus lill missieru.

“**Raymond Pace** xehed li hu qatt ma cahhad lill attur sehemu. Hu u Gauci kienu bhal wiehed. Kull ma ried kien li Vella jaghtih hwejjgu u mbaghad ihallasu dak li ghandu jaghtih. L-attur qatt ma tkellem mieghu imma ma Gauci. Wara xi sena kien mar ghandu Gauci u qallu li jekk idawwru kollox fuq Vella kienu jissettiljaw l-affarijiet. Hu kien tah l-awtorita’ biex jirranga ma Vella billi dana qatt ma ried ikellmu. Wara xi zmien Gauci kien qallu li kien issettilja kollox. Gauci kien dawwar l-ingenji minn fuq ismu ghal fuq isem Vella u ghalih l-istorja spiccat hemmhekk u hu la kellu jaghti u lanqas jiehu. Flus lura hu ma hallasx. L-ingenji li kellu kienu ma Gauci. Il-permessi kienu fuq Gauci u ghalhekk ma kellux ghalfejn jiffirma biex isir it-*transfer* fuq Vella.

“**KONTESTAZZJONI**

“Mhux kontestat mill-konvenuti li l-ftehim tan-1993 kien gie rexiss u li l-attur ma kienx utilizza tlett snin mill-hames snin li kienu ftehemu u ghalhekk ghandu jiehu Lm4,800 minghand il-konvenuti.

“Dwar il-konvenut Gauci, l-attur qed jghid li dana hallsu *in kind* billi tah xi ngenji. Hu kien interpella lil Pace biex ihallas sehemu izda dana baqa’ inadempjenti.

“Il-konvenut Pace mhux qed jichad li ghandu jaghti lill-attur sehemu pero’ hu qed isostni li meta Gauci hallas lill-attur dana kien qed jaghmlu mhux biss ghalih biss imma

anke ghan nom ta’ Pace. Hu qed jikkontendi ghalhekk li l-attur thallas  ta’ kollox.

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Illi meta l-partijiet kienu iffurmaw l-assocjazzjoni bejnithom l-attur kien gab xi ngenji mentri l-konvenuti kienu gabu xi ngenji ohra (ara ftehim a fol. 8). Meta spicca l-ftehim, l-ingenji kienu qeghdin kollha ghand l-attur. Gauci kien qata’ minn ma’ l-attur billi kien tah xi ngenji minn taghhom biex ikopri s-somma ta’ Lm2,400 sehemu.

“Gauci qed jissottometti li hu kien ittrasferixxa l-ingenji kollha (li jammontaw ghall hafna aktar minn Lm2,400 sehemu) lill-attur - ara stima a fol. 52). Mill-provi prodotti pero’ la l-konvenut Gauci u lanqas il-konvenut Pace ma gabu prova li effettivament sar it-*transfer* tal-ingenji kollha taghhom (tal-konvenuti) biex  jaqtu l-pendenzi li kellhom ma l-attur.

“*Invece* mid-dokumenti (ara fol. 68 sa 70) jirrizulta li Gauci kien biegh xi ingenji lit-tifel ta’ l-attur, u mhux ghamel *transfer* lill-attur ta’ dawn l-ingenji. Il-konvenut Gauci issottometta li hu ma jafx jaqra u kien iffirma dawn id-dokumenti ghax haseb li kienet ser issir tpacija bejn l-ingenji u dak li kellhom jaghtu lill-attur u jaqtu kollox. Gauci kien iffirma dawn id-dokumenti u ma ngabet ebda prova li huwa ma kienx jaf x’qieghed jiffirma. Mhux *vero simili* li Gauci kien kapaci jaghmel u jifhem ftehim ta’ assocjazzjoni u skrittura dwar terminazzjoni ta’ lokazzjoni u ma kienx jaf li qed ibiegh ingenji u jaghmel ricevuta ghal flus li kien qed jircievi minn dan il-bejgh.

“Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma ngabitx prova li l-ingenji kollha gew trasferiti fuq isem l-attur biex b’hekk anke sehem il-konvenut Pace jithallas jew gie pacut.

“Ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni hu dovut mill-konvenut Raymond Pace.

“Stante li ma saret ebda kontrotalba, ghandu jibqa’ riservat kull dritt li fadallhom il-konvenuti fuq xi ngenji li jinsabu fil-pussess tal-attur.

“**DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Raymond Pace li qed jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,400 kif mitluba;

“bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut Raymond Pace;

“tillibera lill-konvenuti Monica Pace u John Gauci mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall attur;

“b’riserva ghall kull azzjoni spettanti lill-konvenuti ghal kull dritt li jista’ jkollhom fuq xi ngenji li jinsabu fil-pussess ta’ l-attur.”

<u>**L-APPELL TAL-KONVENUT RAYMOND PACE**</u>

2. Il-konvenut Raymond Pace hassu aggravat b’din is-sentenza fit-totalita` taghha u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

A. Illi fl-ewwel lok, l-ewwel Qorti qablet illi l-ingenji kollha li kienu jiffurmaw parti min-negozju tal-water sports inkluzi ghalhekk dawk proprjeta` tal-konvenuti Raymond Pace u John Gauci b’mod indiviz, illum qeghdin f’idejn l-attur u ghalhekk abbracjat il-verzjoni tal-konvenuti meta huma xehdu, illi l-ingenji kollha llum qeghdin f’idejn l-attur. Fil-fatt xehed ukoll l-Ispettur Pierre Calleja li qabel illi wara rapport li kien sar mill-attur stess il-pulizija kienu elevaw xi ngenji tal-konvenuti minn garage proprjeta` ta’ l-attur, izda meta raw mill-investigazzjonijiet illi ghamlu li ma kien hemm xejn irregolari huma kienu regghu rrilaxxaw l-ingenji favur Edwin Vella li rega’ ha hu stess il-pussess ta’ dawn l-ingenji.

B. Illi l-attur ressaq bhala xhud tieghu lil ibnu Joshua Vella li esebixxa ricevuti li minnhom irrizulta illi huwa xtara

xi tlett bicciet ingenji minghand John Gauci ghal valur irrizorju, liema ingenji kienu fil-pussess ta' missieru, meta kien jaf ben tajjeb illi missieru kellu jiehu l-flus minghand Gauci. Di piu` Joshua Vella jixhed ukoll illi missieru kien konsapevoli b'dan in-negozju u anke kien prezenti meta sar dan l-allegat bejgh. Wiehed jistaqsi, x'interess kellu Joshua Vella jixtri ingenji minghand Gauci meta missieru kellu jiehu l-flus minghandu u minghand l-appellant Raymond Pace? Illi l-ewwel Qorti ma emmnitx il-verzjoni moghtija minn John Gauci illi huwa ma kienx jaf illi biegh xi ingenji lil Vella, izda haseb biss illi kien qieghed jaghmel xi "transfers". Bir-rispett kollu, John Gauci xehed illi huwa bniedem illiterat. Inoltre l-ewwel Qorti kienet ta' l-opinjoni illi gialadarba Gauci kien kapaci jiffirma l-ftehim tal-gestjoni tan-negozju tal-Huggy Bear huwa allura kien kapaci jifhem il-kontenut tar-ricevuti fejn huwa biegh l-ingenji. Illi bir-rispett kollu meta giet iffirmata l-iskrittura tal-14 ta' Gunju 1993, flimkien ma' John Gauci kien prezenti wkoll il-"partner tieghu", l-appellant Raymond Pace liema skrittura saret sahansitra ghand nutar. Ghalhekk huwa kellu l-assistenza kollha mehtiega biex jifhem dak li kien qieghed jaghmel, filwaqt illi meta gew iffirmati l-imsemmija ricevuti huwa kien wahdu flimkien ma' Joshua Vella u Edwin Vella li kellhom kull interess jahtfu l-ingenji taht idejhom biex zgur jigu kkumpensati ghall-flus li kienu hargu. Fil-fatt John Gauci dejjem jishaq illi huwa haseb illi kien irranga ma' l-attur kemm kwantu dak li kien jirrigwarda lilu kif ukoll kwantu dak li kien jirrigwarda lil Raymond Pace stante illi huwa dejjem agixxa ghan-nom tat-tnejn.

C. Illi x-xiehda ta' John Gauci kienet wahda cara u kostanti, illi fin-negozju tal-"water sports" huwa u l-appellant Raymond Pace kienu dejjem jagixxu bhala shab b'mod indiviz. Dan gie wkoll ikkonfermat fix-xiehda ta' Raymond Pace stess. L-ingenji kienu jappartjenu lil John Gauci u lil Raymond Pace b'mod indiviz u fuq dan il-punt m'hemmx kontestazzjoni. Kwindi kif seta' l-attur jiddeciedi illi l-ingenji li ha kienu biss ta' John Gauci u li allura Gauci hallsu u Raymond Pace le! Illi ghalhekk anke hawnhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konkluzjonijiet taghha meta kkundannat lil Raymond Pace biss ihallas lill-attur l-

ammont mitlub fic-citazzjoni u dana ghaliex irrizulta mill-provi illi l-ingenji illi zamm l-attur appellat kienu jappartjenu b'mod indiviz liz-zewg konvenuti u dana anke kif jirrizulta mill-iskrittura tal-14 ta' Gunju 1993.

D. Illi finalment l-attur qatt ma seta' jikkonkludi minn jeddu illi l-valur ta' l-ingenji moghtija lilu minn John Gauci kien jammonta ghal Lm2400 u cioe` nofs l-ammont dovut lilu ta' Lm4800. Fil-fatt jirrizulta minn dokument esebit mill-konvenuti (stima a fol. 52 tal-process) stess illi l-ingenji kienu gew stmati illi jiswew hafna aktar mhux biss minn Lm2400 izda wkoll hafna iktar minn Lm4800. Jekk il-konvenut apellant jigi kkundannat ihallas lill-atturi Lm2400 ohra, oltre l-ingenji kollha illi l-attur ghandu, dan ikun kaz car ta' arrikkiment indebitu da parti ta' l-attur li mhux biss ikun ha ingenji li jiswew 'il fuq minn Lm15000, izda wkoll Lm2400 ohra.

E. Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi gialadarba l-konvenuti ma gabux prova illi fil-fatt kienu saru t-transfers tal-licenzji ta' l-imsemmija ingenji favur l-attur allura ma hemmx prova illi l-proprjeta` ta' dawn l-ingenji ghaddiet favur l-attur. Bl-istess ragunament allura lanqas hemm prova illi Gauci ttrasferixxa sehmu mill-ingenji fuqu kif fil-fatt qed jikkontendi l-attur fil-kawza. Bir-rispett kollu transfers tal-licenzji mal-pulizija ma tistabilixxix proprjeta` o meno. Bl-istess ragunament allura, meta jsir il-bejgh ta' vettura, l-proprjeta` tal-karozza ma tghaddix f'idejn l-akkwirent qabel ma ssir it-transfer relattiva. Il-ligi mkien ma tirrikjedi illi ssir "transfer" ta' licenzja biex tghaddi l-proprjeta` mill-bejjiegh favur l-akkwirent. It-transfer tal-licenzja huwa biss element amministrattiv li bl-ebda mod ma jaffettwa kwistjonijiet ta' proprjeta`. Illi ghalhekk gialadarba gie pruvat illi l-ingenji kollha kienu fil-pussess ta' l-attur u li l-konvenuti qatt ma ghamlu proceduri biex jiehdu l-ingenji lura u kwindi kienu lesti illi l-attur izomm l-ingenji biex b'hekk jigi pacut l-ammont dovut, allura l-ebda ammont ma ghadu dovut la mill-konvenut Gauci u wisq anqas mill-konvenut appellanti Raymond Pace.

Ghaldaqstant Raymond Pace talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-

Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet premessi, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTUR EDWIN VELLA**

3. L-attur appellat wiegeb hekk:

(1) Illi fil-meritu, l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2002 u senjatament peress:

(a) Illi l-attur gab il-prova kollha necessarji nkluzi dawk dokumentarji sabiex jipprova l-premessi u jissostanzja t-talbiet tieghu;

(b) Illi l-konvenuti ma gabux provi in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghhom;

(c) Illi l-appell odjern ma jipprezenta xejn gdid minn dak li ntqal quddiem l-ewwel Qorti u allura si tratta biss ta' ri-valutazzjoni tal-provi mill-gdid;

(d) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemmx kontestazzjoni illi xi whud mill-ingenji kienu f'idejn l-appellat kif ikkostatat gustament l-ewwel Qorti, izda dan bl-ebda mod ma jfisser li l-konvenuti "gabu prova li effettivament sar it-transfer ta' l-ingenji kollha taghhom (tal-konvenuti) biex jaqtghu l-pendenzi li kellhom ma' l-attur" (Pagna 4 tas-sentenza). Tant illi l-istess Gauci f'xi zmien biegh uhud minnhom lill-iben l-istess attur. Jigi sottomess illi fix-xhieda tieghu, l-appellant Raymond Pace xehed illi l-ingenji li kellu kienu ma' Gauci, u wara li "kien tah l-awtorita` biex jirranga ma' Vella.....Gauci kien dawwar l-ingenji minn fuq ismu ghal fuq isem Vella u ghalih l-istorja spiccat hemmhekk u hu la kellu jaghti u lanqas jiehu..." (Pagna 3 tas-sentenza). Fl-appell odjern dan gie kkorroborat fl-intjier tieghu stante illi gie kkostatat illi:

"L-ingenji kienu jappartjenu lil John Gauci u lil Raymond Pace b'mod indiviz u fuq dan il-punt ma hemmx kontestazzjoni. Kwindi kif seta' l-attur jiddeciedi illi l-

ingenji li ha kienu biss ta' John Gauci u li allura Gauci hallsu u Raymond Pace le! Illi ghalhekk anki hawnhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konkluzjonijiet taghha meta kkundannat lil Raymond Pace biss ihallas lill-attur l-ammont mitlub fic-citazzjoni ......" (Paragrafu C ta' l-appell odjern)

u

".... l-konvenuti qatt ma ghamlu proceduri biex jiehdu l-ingenji lura u kwindi kienu lesti illi l-attur izomm l-ingenji biex b'hekk jigi pacut l-ammont dovut...." (Paragrafu E ta' l-appell odjern)

Huwa car mis-suespost illi l-appellant, kemm fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors ta' appell tieghu, qed jaghmel tentattivi sabiex jikkonvinci l-Qorti illi s-sehem tieghu li kien dovut lill-appellat kien gie saldat fl-intjier tieghu permezz ta' tpacija ta' l-ingenji mizmumin mill-appellat stess. Jigi sottomess pero` illi dan l-argument huwa erroneju ghall-ahhar u dan stante illi l-fatti dikjarati mill-appellant, liema fatti huma inveritjieri u fittizji, ma jistghux iregu meta l-istess appellant kien baghat ittra fis-17 ta' April, 1995 indirizzata lill-istess appellat sabiex ihallas l-ammont dovut minnu ghall-ingenji mizmumin.

Kif jista' l-appellant jikkonvinci (sic) din il-Qorti li huwa kellu l-impressjoni li kienet saret tpacija permezz ta' l-ingenji mizmumin mill-appellat u li "hu la kellu jaghti u lanqas jiehu" (pagna 3 tas-sentenza) meta huwa stess kien qed jikkontradici lilu nnifsu b'dan illi baghat ittra interpellatorja sabiex l-appellat ihallsu ta' l-istess! Jigi sottomess illi l-appellant mhux biss kien konsapevoli li t-tpacija ma kenitx saret u li s-sehem tieghu ta' l-ammont dovut lill-appellat kien ghadu dovut, izda sahansitra kien qed jippretendi hlas ta' l-ingenji li in realta` qatt ma gew ttrasferiti formalment lill-istess appellat;

(e) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-eccezzjonijiet tieghu, l-appellat eccepixxa illi huwa kreditur ta' l-istess appellant u li l-ammont imhallas zejjed jigi rifuz lilu. Kieku ried, l-appellant seta' jikkontesta l-ammont

mitlub mill-appellant u jaghmel kontro-talba kif taghti l-opportunita` kollha l-procedura nostrana u dan b'xelta hielsa ta' l-istess appellant, izda dan ma sarx. Jinghad inoltre illi fl-ebda hin fl-appell odjern ma ta mqar indikazzjoni ghalfejn dan ma sarx u allura l-assunzjoni ovvja hija li:

(1) fl-ewwel lok ma kienet tezisti ebda kontro-talba;

(2) fit-tieni lok li l-ammont mitlub mill-attur <u>qua</u> appellat hu dovut mill-appellant Raymond Pace kif gustament rriteniet l-ewwel Qorti; u

(3) fit-tielet lok l-ittra li kien baghat fis-17 ta' April 1995 u l-appell odjern huma biss tentattivi da parti ta' l-appellant u kaz car ta' arrikkiment indebitu da parti tieghu stante illi l-istess appellant mhux biss irrifjuta li jhallas u ikkontesta l-ammont dovut lill-appellat u dan a bazi ta' l-argument li saret tpacija, izda sahansitra interpella lill-istess appellant sabiex ihallas ammont mhux dovut minnu rapprezentanti ingenji li ghalihom, kif irriteniet l-ewwel Qorti, l-konvenuti ma gabux prova li effettivament sar it-transfer, u li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub ma jistax jigi kkunsidrat fil-meritu ta' din il-kawza stante illi ma saret ebda kontro-talba;

(f) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa erronju ghall-ahhar stante illi kif jirrizulta mill-provi kollha prodotti fil-Prim Istanza, inkluzi dawk dokumentarji, l-appellant thallas a saldu ta' l-ammont dovut mill-konvenut John Gauci biss. Fl-ebda hin fil-mori tal-kawza ma gie ppruvat illi t-tpacija kienet saret ukoll a saldu ta' l-ammont dovut jew ghas-sehem ta' l-appellant Raymond Pace. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, kwalunkwe trasferiment iehor li seta' gie effettwat minghand l-istess Gauci ma jistax jitqies bhala hlas permezz ta' tpacija fir-rigward ta' l-ammont dovut mill-appellant Raymond Pace. Kif gustament ikkostatat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, "Gauci kien biegh xi ingenji lit-tifel ta' l-attur, u mhux ghamel transfer lill-attur ta' dawn l-ingenji" (Pagna 4). M'huwiex qed jigi kkontestat

illi Gauci hallas l-ammont tieghu ghax dan gie sahansitra kkonfermat mill-attur stess fix-xiehda tieghu u fix-xiehda ta' l-istess Gauci. Li qed jigi kkontestat huwa li l-ingenji kienu jkopru l-ammont dovut mill-appellant rapprezentanti s-sehem tieghu.

(g) L-illitterizmu ta' Gauci mhux skuza valida li meta huwa ffirma d-dokumenti ta' trasferiment favur lit-tifel ta' l-appellat Joshua Vella, huwa kien haseb "li kienet qed issir tpacija bejn l-ingenji u dak li kellhom jaghtu lill-attur u jaqtghu kollox" (Pagna 4 tas-sentenza). L-ewwel Qorti hija korretta in kwantu li ma laqghetx dan l-argument stante illi "ma ngabet ebda prova li huwa ma kienx jaf x'qieghed jiffirma". Inoltre, huwa minnu li "mhux verosimili li Gauci kien kapaci jaghmel u jifhem ftehim ta' assocjazzjoni u skrittura dwar terminazzjoni ta' lokazzjoni u ma kienx jaf li qed ibiegh ingenji u jaghmel ricevuta ghall-flus li kien qed jircievi minn dan il-bejgh". L-appellant ma jistax isostni li dan l-argument huwa erronju a bazi tal-fatt li meta giet iffirmata l-iskrittura ta' terminazzjoni Gauci kien assistit filwaqt li meta ffirma d-dokumenti ta' trasferiment ta' l-ingenji kien wahdu. Kieku ried, l-istess Gauci seta' ma ffirmax id-dokument fin-nuqqas ta' assistenza, jekk veru kellu raguni sabiex ma jafdax lill-appellat u t-tifel tieghu. Anzi, ta' min jghid illi kellu l-obbligu li jfittex assistenza qabel ma jiffirma dokument f'ismu, specjalment jekk huwa kien ta' l-idea li l-appellat flimkien ma' ibnu "kellhom kull interess jahtfu l-ingenji taht idejhom biex zgur jigu kkumpensati ghal flus li kienu hargu" (Paragrafu B ta' l-appell odjern). Jigi sottomess illi l-appellati qatt ma impedewh li jaghmel dan u kien huwa stess li ghazel liberament li jiffirma minghajr ghajnuna jew assistenza. Ghaldaqstant, gialadarba ghamel din l-ghazla, huwa kien fehem il-kontenut tad-dokument li kien qed jiffirma. Iktar u iktar in vista tal-fatt li Gauci kien ben konsapevoli tat-tifsira u tar-rekwiziti ta' trasferimenti ta' hwejjeg marittimi stante illi huwa stess kien ghamel trasferiment fl-Awtorita` Marittima fis-6 ta' April, 1996.

F'dan il-kuntest inoltre, jigi rilevat illi kieku Gauci haseb verament li kien gie effettwat trasferiment favur l-appellat

permezz ta' tpacija, ma kienx jonqos milli jaghmel jew li jgieghel lill-appellant li jaghmel it-"transfer" relattiv tal-licenzja favur l-istess appellat, kif effettivament sehh, u l-argument ta' l-appellant b'dan il-ghan ma jistax iregi;

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-appellat talab li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma fi shih is-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar, 2002.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. In succint, l-appell tal-konvenut Raymond Pace huwa msejjes fuq il-lanjanza li darba li jirrizulta mill-provi prodotti li l-ingenji kollha kienu baqghu fil-pussess ta' l-attur appellat u li l-konvenut appellant qatt ma ha passi biex jiehu lura dawn l-ingenji, dan il-fatt kien isahhah it-tezi ta' l-appellant cioe` tieghu illi l-attur baqa' jzomm l-ingenji *<u>de quo</u>* proprju bil-ghan li jigi pacut kull ammont dovut lilu. In konsegwenza ta' dan, ebda ammont ma baqa' dovut la mill-konvenut Gauci u wisq anqas mill-konvenut appellant Raymond Pace. Ghalhekk isegwi li hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata, jissottometti l-appellant Raymond Pace.

5. Il-kontroparti appellata wiegbet li s-sentenza appellata kellha tigi kkonfemata u dana billi ma sehhet ebda tpacija bejn l-ammont dovut lill-attur u l-ingenji li jsemmi l-appellant, kif zbaljatament ghadu jikkontendi l-konvenut appellant.

6. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti fl-ewwel istanza u ma jidhrilhiex li l-aggravji tal-konvenut appellant Raymond Pace huma fondati. Kif tajjeb gie rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa pacifiku li l-ftehim kummercjali milhuq bejn il-kontendenti gie rexiss fis-sena 1993 u peress li l-attur ma utilizzax tlieta mill-hames snin koperti fil-ftehim, dan kien ifisser li l-attur kellu jiehu lura minghand il-konvenuti l-ammont ta' Lm4,800. <u>Dan il-fatt mhux per se ikkontestat</u>. Jirrizulta li filwaqt li l-konvenut Gauci hallas sehmu *<u>in</u>* *<u>kind</u>* bl-ghoti ta' ingenji, mhux l-istess pero` jista' jinghad fir-rigward ta' Raymond Pace. Jigi precizat li proprjament l-ebda trasferiment formali dwar l-ingenji *<u>de</u>* *<u>quo</u>* ma sar la minn

Gauci u wisq anqas minn Raymond Pace, l-appellant. Izda, filwaqt li fil-kaz ta' John Gauci, gie ppruvat li saret skrittura biex tikkonferma formalment li sar il-bejgh (ara dokumenti a fol. 68-70) bejnu u bejn iben l-attur Joshua Vella, in forza ta' liema l-attur allura ma baqax jinsisti fuq l-ammont dovut – in-nofs ta' Lm4,800 – li kellu jaghtih John Gauci, mhux l-istess seta' jinghad ghall-bilanc rimanenti ta' Lm2,400 (dovut mill-konvenut Raymond Pace), li baqa' skopert. Mhux bizzejjed li jinghad li meta John Gauci pogga l-firma tieghu fuq l-ircevuti surreferiti, huwa kien minghalih li qieghed ipaci d-debitu intier li kien dovut kemm minnu u kemm ukoll minn Raymond Pace versu l-attur. Jekk tassew hu kien bniedem illitterat u bla skola u ma kienx jaf ghalxiex kien ser jiffirma (fatt iddubitat mill-ewwel Qorti), kien allura messu qaghad izjed attent u wera aktar dixxerniment u attenzjoni minflok qabad u ffirma l-iskritturi surreferiti.

7. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-kontendenti, il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur ghandha aktar verosimiljanza u hija aktar attendibbli minn dik moghtija mill-konvenuti. Din il-Qorti ma tridx b'daqstant taghti l-impressjoni li l-verzjoni ta' l-attur dwar il-fatti ma fihiex ukoll certu ammont ta' lakuni imma, fuq bazi ta' probabilita`, ghandha certament tipprevali fuq il-verzjoni moghtija da parti tal-konvenuti. In partikolari din il-Qorti sabet li l-mod kif iddepona l-appellant Raymond Pace kien ferm inattendibbli. Mistoqsi, per ezempju, jekk hu kienx qed jikkontesta l-ammont reklamat beda jwiegeb hekk (fol. 61):

"Ma nafx ezatt ghax m'ghandix il-karti hdejja, biss lili qatt ma kellimni Edwin Vella (l-attur) minn meta spiccajna u sal-gurnata tal-lum qatt ma tkellimna..."

8. L-attur invece xehed li huwa kien interpella lill-konvenut Pace <u>bil-kitba</u> (fol. 43) imma konvenjentement ghalih l-appellant ma jaghmel ebda accenn ghal dan il-fatt. Darba li l-konvenut Raymond Pace kien halla kollox f'idejn siehbu John Gauci, ko-konvenut, biex jasal fi ftehim ma' l-attur dwar il-pendenzi li kien hemm bejniethom, kien jinkombi fuqu biex jara li dak li ghamel in segwitu l-

imsemmi Gauci kien ikopri lilu wkoll. Fil-fatt pero` mhux hekk jidher li gara. Gara invece li filwaqt li Gauci heles minn dak li hu kellu jhallas lill-attur, hu ma hax ukoll hsieb biex ikopri lil Pace. Pace, min-naha tieghu, jidher li halla kollox f'idejn Gauci u ma ta kaz xejn aktar. Li hu zgur hu li Pace ma hallas ebda flus lill-attur (ara para 2, l-ahhar linja, fol. 61 tal-process). Kif tajjeb osservat ukoll l-ewwel Qorti, darba li ma hemmx lanqas il-prova dwar trasferiment ta' xi wahda mill-ingenji li kienu jappartjenu lil Pace ghal fuq isem l-attur, dan il-fatt ikompli jiddimostra li effettivament l-ebda tpacija ma sehhet kif pretiz mill-appellant. Hekk kif John Gauci rnexxielu jasal f'akkordju ma' l-attur ma kien hemm xejn li jzomm lill-appellant Raymond Pace, milli jaghmel l-istess u n-non-kuranza assoluta tieghu f'dak li sehh wara li s-shubija fin-negozju li kellu ma' l-attur intemmet ma jissufraga bl-ebda mod it-tezi ta' l-appellant li dejnu kien gie pacut, kif allega imma naqas li jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut Raymond Pace bl-ispejjez ta' dana l-appell kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------